# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 10 ta' Marzu 2000**

**Numru 47**

**Citaz. numru 1518/94**

Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon, bhala rapprezentant tas-socjeta’ Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta` Carmelo Gauci Limited, u b’nota tas-7 ta’ April 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Carmelo Gauci Limited assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta’ Formosa & Camilleri Ltd.

vs

David Jones u Alfred Pollacco, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Valletta Freight Services Limited, agenti Malta tas-socjeta` estera B. Pacorini s.r.l., trasportaturi tal-merkanzija de qua; u

Godwin Abela, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 10 ta’ Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta’ Novembru 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta' Carmelo Gauci Limited importat mill-Italja zewg (2) pallets kontenenti sebgha u tmenin (87) cartons ta' serraturi li gew trasportati minn Livorno lejn Malta mis-socjeta' estera B. Pacorini s.r.l., fuq il-vapur PINTO; (Dok. ZM1).

Illi wara l-wasla tal-bastiment fid-19 ta' Dicembru 1993, meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-merkanzija importata, sab hames (5) cartons nieqsa u ghalhekk seta' jirtira biss tnejn u tmenin (82) cartons (Dok. ZM2);

Illi ghan-nuqqas li garrab l-importatur, is-socjeta' assikurattrici attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' sitt mija u sittin lira erbghin centezmu (Lm666.40) li minhom hamsa u ghoxrin lira (Lm25) kienu agency fees (Dok. ZM 3) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok. ZM 4);

Illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmi nuqqas;
talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi li:

1. tiddikjara lis-socjetajiet konventuti jew min minnhom, responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat; u

2 tikkundannahom nomine, jew min minnhom, li jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' sitt mija sitta u sittin lira erbghin centezmu (Lm666.40) li minnhom hamsa u ghoxrin lira (Lm25) kienu agency fees, in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti David Jones u Alfred Pollacco nomine fejn qalu:

1. Illi huma mhumiex responsabbli ghad-danni reklamati ghax iz-zewg pallets imsemmija fic-citazzjoni tnizzlu u inhargu mill-container numru UFEA 9623988 "in good order and condition" u bla ma saru ebda rimarki dwar il-kondizzjoni taghhom kif jidher mit-tally sheet hawn esebita (Dok. TS).

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn qal:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. ikkonsenjat il-merkanzija de quo fl-istess ammont u stat li rcevietha u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi;

2. Illi fit-tieni lok ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm641.40,0 bhala allegati danni;

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghal premess is-survey fees huma ghall-kollox esagerati stante li l-ammont ta' Lm25.00,0 bhala survey fees saru proprio mis-socjeta' attrici proprio u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta' l-istess (Sentenza deciza fil-Qorti ta' l-Appell - Sede kummercjali fis-6 ta' April 1992 Citaz. Nru 112/86).

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess m'hemm ebda interessi dovuti u dan stante li si tratta dwar azzjoni ta' danni u li ghad irid jigi likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisha.

6. Illi fis-sitt lok u bla pregudizzju ghall premess, l-ebda interessi m'huma dovuti stante li s-socjeta attrici allegatament hallset a bazi ta' l-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu m'hemm ebda suroga ghar-rigward l-istess interessi u s-surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma.

7. Illi ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 sub-inciz (3) dwar unitised cargo (amended by Legal Notice 28/73) u l-Artikolu 6 tal-Port Ordinance sub-inciz (3) u ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fis-16 ta' Ottubru 1996 fejn giet respinta s-seba' eccezzjoni tal-Godwin Abela nomine;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

B'sentenza preliminari tas-16 ta' Ottubru 1996 din il-Qorti diversament presjeduta ddisponiet mis-seba' eccezzjoni tal-konvenut Godwin Abela nomine u ghalhekk il-Qorti b'din is-sentenza se tittratta l-mertu tal-kaz u l-eccezzjonijiet l-ohra tal-partijiet.

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta` Carmelo Gauci Ltd kellha timporta f'Malta zewg pallets kontenenti 87 cartons serraturi. Dawn gew trasportati lejn Malta fi groupage container fuq il-vapur **Pinto** mis-socjeta` B. Pacorini s.r.l. rapprezentata mis-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Ltd.

Jidher li l-vapur wasal fid-19 ta' Dicembru 1993. Wara li l-container tnizzel u ttiehed f'bond tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd., sar id-*destuffing* fl-20 ta' Dicembru 1993 u fit-30 ta' Dicembru 1993 il-merkanzija ttiehdet fid-depost tad-Dwana. Meta giet irtirata mill-importatur fl-4 ta' Jannar 1994 instabu 82 cartons.

Li jrid jigi stabbilit ghalhekk huwa meta gara jew seta' gara n-nuqqas u min hu responsabbli ghal tali nuqqas. Huma ghalhekk importanti d-diversi dokumenti li gew esebiti mill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti.

Issir referenza l-ewwelnett ghad-*destuffing* li sar fl-20 ta' Dicembru 1993. Il-container tbattal fil-prezenza ta' rapprezentant tal-Valletta Freight Services Ltd u iehor tal-Cargo Handling Co. Ltd. li ghamlu *joint tally*, kif ukoll fil-prezenza ta' fizzjal tad-Dwana. Mit-*tally sheet* Dok TS a fol 15 tal-process jidher li ghal Carmelo Gauci Ltd kien hemm zewg pallets. Wiehed jinnota li m'hemm l-ebda rimarka dwar dawn il-pallets u l-cartons li kienu jikkontjenu. (Mario Tellus ghas-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Ltd xehed fis-26 ta' Mejju 1995 li ma tawx kopja tat-*tally sheet* qabel ma bdiet il-kawza peress li jkun hemm informazzjoni ta' klijenti ohra. Il-Qorti tosserva li ma tara l-ebda raguni ghaliex almenu ma nghatatx l-informazzjoni kontenuta f'tali dokument jew inkella jintwera tali dokument lil rapprezentant tas-socjeta` assikuratrici sabiex b'hekk ikunu jistghu forsi jigu evitati spejjez inutili.)

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li ma kien hemm l-ebda rimarka jindika li l-pallets kienu ntatti. It-*tally sheet* esebit minn Peter Bonello ghall-Cargo Handling fis-seduta quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea tas-7 ta' Lulju 1999 huwa fl-istess sens.

Il-merkanzija marret id-depost fit-30 ta' Dicembru 1993. Id-*despatching officer* kien il-fizzjal tad-Dwana Paul Zerafa filwaqt li r-*receiving officer* kien Anthony Briffa.

Paul Zerafa qal li baghat zewg pallets b'82 cartons izda ma ftakarx jekk il-pallets kinux miftuhin jew le. Osserva li ghalkemm nesa f'liema stat kienu l-pallets, rimarki ma kienx hemm. Qal ukoll li meta jkun hemm damages fil-merkanzija meta tinhatt mill-container din tinqafel. Sakemm ma kienx hemm rimarki fuq il-Form 1C, ghalih il-pallets hargu tajbin. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-merkanzija "nqaflet".

Anthony Briffa xehed li huwa rcieva 82 cartons. Ircieva "2 pallets containing 82 cartons". Zied ighid li ccekkja u sab li effettivament kien hemm 82 cartons. Ma ftakarx pero' jekk il-pallets kinux miftuhin jew le. Kieku kien hemm xi danni kien jimmarka.

Peter Bonello xehed minn fuq id-dokumenti li kellu u stqarr li meta l-merkanzija ttiehdet id-depost mill-istores tal-Cargo Handling, il-cartons jintghaddu minn barra biex il-gwardjan li jkun sejjer id-depost ikun jaf kemm fihom cartons il-pallets. Kieku l-pallets kienu mqattghin, kien jigi registrat li l-cartons huma "loose".

Ix-xoghol gie rilaxxjat lill-importatur fl-4 ta' Jannar 1994. Ir-*releasing officer* Francis Micallef jikkonferma li gew rilaxxati 82 cartons, filwaqt li Francis Gauci ghas-socjeta' Carmelo Gauci Ltd. ikkonferma li rcevew 82 cartons.

Issa kif diga' gie stabbilit, meta l-container gie *destuffed* kien hemm zewg pallets ghas-socjeta' Carmelo Gauci Ltd. u dwarhom ma kien hemm l-ebda rimarka fil-*joint tally sheets*, indikazzjoni mela li l-merkanzija kienet intatta. Mill-packing list Dok. MBG1 esebit mill-attur nomine fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru 1999 jirrizulta li l-ntbaghtu 87 cartons f'zewg pallets. Il-polza ta' kariku Dok. ZM1 (a fol. 6) jindika li fuq il-vapur tghabbew zewg pallets u taht it-titolu "Description of goods according to merchant's declaration" hemm indikati "87 cartons". Inoltre l-polza hija "clean".

Fil-fehma tal-Qorti l-provi jwasslu ghal konkluzjoni wahda: li ntbaghtu zewg pallets li kien fihom 87 cartons, li dawn gew ikkonsenjati shah lis-socjeta` konvenuta Cargo Handling u li meta dawn gew rilaxxati minnha kienu naqsu b' hames cartons. Ma tidher li kien hemm l-ebda raguni ohra biex jintghaddu l-cartons jekk mhux ghax kien jidher li hemm xi nuqqas waqt li dawn kienu f'idejn il-Cargo Handling. Jekk il-Cargo Handling irceviet zewg pallets intatti ma kien hemm l-ebda raguni ohra li ma tirrilaxxjahomx bhala tali. Ghalhekk ghandha twiegeb ghad-danni konsegwenzjali.

*Dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet:*

Is-socjeta` assikuratrici attrici halset b'kollox Lm666.40, kwantu ghal Lm641.40 in soddisfazzjon tal-claim u kwantu ghal Lm25 agency fees. Ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' Lm641.40, din tirrizulta mill-formula dwar "settlement of claims" (Dok. ZM3 a fol. 8) u mis-"'small claim' information form" (Dok. ZM2 a fol. 7 u 7 retro). Mid-Dok.ZM3 jirrizulta wkoll li l-"claim" gie "settled" mis-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc in forza ta' polza numru 31072 900 001 – 592. Inoltre l-pagament jirrizulta mis-"subrogation form" Dok. ZM4 (a fol. 9). Ghalkemm ma gietx esebita l-polza u lanqas ic-cekk li permezz tieghu sar il-pagament (kif mitlub fit-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Cargo Handling), matul dawn il-proceduri ma saret l-ebda riferenza u wisq inqas insistenza fuq din l-eccezzjoni u di piu` d-dokumenti msemmija (Dok. ZM3 u ZM4) huma prova sufficjenti dwar l-ezistenza tal-polza u dwar il-pagament effettwat. Filwaqt li l-istess Dok. ZM3 u d-Dok. ZM2 huma prova ta' kif is-socjeta` attrici waslet ghall-figura ta' Lm641.40. Barra minn hekk qed issir referenza ghax-xiehda ta' Lucienne Cini fis-seduta tal-11 ta' Mejju 1999 quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea.

*Dwar ir-raba' eccezzjoni:*

Dwar l-"agency fees" mitluba ta' Lm25, dawn ghandhom jithalsu wkoll ghax huma spiza necessitata wara li sar il-"claim" mas-socjeta` assikuratrici, u ghalhekk parti mid-danni, u ghalkemm s-socjeta` attrici ma gietx formalment surrogata fid-drittijiet tal-importatur rigward dawn id-drittijiet (difatti fid-Dok. ZM4 jirrizulta li s-surroga saret fir-rigward tas-somma ta' Lm641.40), dawn kienu dovuti lilha u "ghalhekk kien hemm tpacija bejn id-debitu tal-importatur ghal dawn l-ispejjez u l-kreditu tieghu ghalihom in forza tal-kuntratt ta' assikurazzjoni" (Noel Ellul noe vs Comm. Silvio Mifsud et noe et, deciz fl-24 ta' Gunju 1996, Citaz. 929/92 JDC).

*Dwar il-hames u s-sitt eccezzjonijiet:*

Dwar l-interessi, stante li giet mitluba somma spcifika fic-citazzjoni u ma ntalbitx semplicement il-likwidazzjoni tad-danni, dawn huma dovuti mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Is-sitt eccezzjoni hija bla fondament legali. Permezz ta' surroga, il-kreditur il-gdid jidhol fiz-zarbun tal-kreditur l-antik.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti David Jones u Alfred Pollacco nomine u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine u ghalhekk tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut Godwin Abela nomine responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat, u
(2) tikkundanna lill-istess Godwin Abela nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm666.40 kif mitlub u bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Godwin Abela nomine salv dawk tal-konvenuti David Jones et nomine li fic-cirkostanzi jigu sopportati minnhom stess.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**